DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**GĦASFUR TAĊ-ĊOMB**

*3 Att, 3 Xena, p.114 (F)*

## SA PETRONJA

### M'AĦNIEX GĦAL HAWN, U DIK HI!

Le! Iġġibli xejn! *(Taħtaf l-ewwel siġġu li jiġi għal idejha u tpoġġi deċiża ħdejn ELEN. X'jaħsbu – li sa jeħilsu minnha hekk ħafif?)* Grazzi, Elen ruħi! Issa jgħaddili, tibżax, issa jgħaddili. Qalbi – dan l-aħħar ma nafx x'qed itini – daqsxejn ta' emozzjoni u erħilha tferfer qalbi!

*(Tieħu nifs twil.)* Eh, mhux kulħadd jaf irażżan l-emozzjonijiet tiegħu kif ġieb u laħaq. Qed nixjieħu, dik hi, qed nixjieħu, Elen ruħi. Illum hawn u għada, eh għada l-Bambin jaf. M'aħniex għal hawn, u dik hi – m'aħniex għal hawn.

/ *(dejjem attenta, kurjuża, tosserva):* M'aħniex għal hawn, mhux hekk, Elen?

/ Nieħu gallettina kieku, iva, forsi mhix idea ħażina! Dik hi, forsi, xi ftit debbulizza... U hemm il-kejk tas-Sinjura Pinzi Grech ukoll. Ġabet gateau tgħidx kemm hu…

*(Tiftakar.)* Hi, il-gateau! U Dun Pawl! Ħallejtu lampa stampa hemm barra – x'għarukaża! Hi ara, ħa mmur ngħidlu jgħaddi, ta! Ma riedx jidħol dak ukoll – għidtlu jien jista' jgħaddi… Ma jimpurtax jgħaddi, hux? Jien għidtlu ta! Immur inġib il-kejk ukoll, daqt ġejja! Oqogħdu, ara, oqogħdu – ħa ngħidilhom jien! *(Toħroġ.)* *(<169)*

.................... ....................

PDF p.114

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............ |
| **PROPS** | ............................................................ | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ = .............................. |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |